# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 14 ta' Marzu, 2018**

**Kawża Nru. 52**

**Rik. Nru. 199/12 JRM**

Michael **ŻAMMIT**, Anthony Żammit u Salvu Żammit & Sons Limited (C – 10097)

vs

**DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Frar, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi jitolbu li din il-Qorti (1) ssib li n-Noti ta' Qbid bin-numri 14/2012, 10/2012, u 11/2012 huma nulli w illegali għal kull effett fil-liġi billi nħarġu bi ksur tal-artikolu 72 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta[1]; (2) tordna lid-Direttur imħarrek biex jirrilaxxa l-garanzija bankarja maħruġa favuriha fil-konfront tan-Nota ta' Qbid numru 14/2012, iż-żejt (*gasoil*) miżmum bis-saħħa tan-Nota ta' Qbid bin-numru 10/2012, u kif ukoll il-vettura (*tanker truck*) bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB-487 miżmuma permezz tan-Nota ta'

[1] Ordinanza tad-Dwana (Ord. VII tal-1909, kif emendata)

Qbid bin-numru 11/2012, jew ta' kull garanzija li setgħet tressqet wara l-ftuħ ta' din il-kawża fir-rigward ta' din in-Nota ta' Qbid; (3) issib li d-Direttur imħarrek jaħti għad-danni li ġarrbu l-atturi b'riżultat tal-ħruġ tal-imsemmija Noti ta' Qbid; (4) tillikwida d-danni mġarrbin mill-atturi bi ħtija tal-imħarrek; u (5) tikkundanna lid-Direttur imħarrek iħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-ħlas tal-imgħaxijiet legali;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fl-10 ta' Mejju, 2012, li biha d-Direttur imħarrek jilqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, jgħid li l-Avukat Ġenerali għadu ma ġiex notifikat skond kif inhu meħtieġ taħt l-artikolu 181(B) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; li l-azzjoni messha tressqet permezz ta' rikors u mhux b'rikors maħluf, skond l-artikolu 73 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta; u li l-attur Anthony Żammit ma jistax jikkontesta f'ismu n-Noti ta' Qbid bin-numri 10 u 11 tas-sena 2012 billi fuq l-istess Noti mhuwiex indikat bħala l-persuna li qed tressaq din l-azzjoni. Fil-mertu, jilqa' għall-azzjoni attriċi billi jgħid li l-oġġetti nqabdu fil-preżenza tas-sid u/jew tal-persuna li taħti, u l-avviż inħareġ biss bħala formalita'. Illi r-raġunijiet wara tali qbid ingħataw bil-fomm meta ġew maqbuda, u l-istess Nota tgħid liema huma l-artikoli tal-liġi li ġew miksura. Jgħid ukoll li minkejja li l-atturi kellhom kull jedd li jikkontestaw il-qbid skond il-proċedura maħsuba fl-artikolu 72 tal-Kapitolu 37, dan ma għamluhx għal raġunijiet li jafuhom huma. Itemm jgħid li, għall-finijiet tal-artikolu 17(4) tal-Kapitolu 382[2] tal-Liġijiet ta' Malta, hu ma jaħti għall-ebda danni li jilmintaw minnhom l-atturi;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2012[3], li bih għar-rigward l-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-avukat tal-imħarrek laqgħet in-notifika tar-rikors maħluf f'isem l-Avukat Ġenerali wkoll; filwaqt li fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari, iddikjarat li l-imsemmija eċċezzjoni ressqitha għall-finijiet ta' korrettezza u mhux bħala eċċezzjoni tan-nullita';

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Mejju, 2012[4], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda kollha li tressqet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda l-provi dokumentali li tressqet mal-istess xhieda;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2015[5], li bih tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fl-14 ta' Jannar, 2016[6];

[2] Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Att XVI tal-1995, kif emendat)
[3] Paġ. 22 tal-proċess
[4] Paġ. 22A tal-proċess
[5] Paġ. 430 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mid-Direttur imħarrek fit-18 ta' Mejju, 2016[7], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet[8];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' tliet Noti ta' Qbid maħruġa fuq ordni tad-Direttur imħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Direttur") minħabba nuqqas ta' tagħrif mogħti fuqhom kif titlob il-liġi. L-atturi, kemm f'isimhom personalment u kif ukoll f'isem il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "SŻS") iridu li l-Qorti ssib li n-Noti ma jiswewx għax inħarġu ħażin, u biex tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda jew garanziji maħruġa minflokhom. L-atturi qed jitolbu wkoll il-ħlas ta' danni b'riżultat tal-ħruġ ta' dawn in-Noti. L-atturi jgħidu li meta sar l-qbid, id-Direttur kien għadu qed jinvestiga, u għaldaqstant fir-rigward tal-vettura u taż-żejt li kienu konfiskati ma seta' qatt kien il-każ li dawn inqabdu fid-data li jġibu n-Noti. Jgħidu wkoll li l-mandati ma nħarġux taħt il-firma ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' Maġistrat li jagħti s-setgħa lill-Uffiċjali tad-Dwana jidħlu, jfittxu u jaqbdu oġġetti minn fond tal-atturi. Illi l-mandati huma nieqsa minn tagħrif ta x'wassal biex sar il-qbid. Illi fiż-żmien meta nqabdu l-oġġetti, ebda vettura f'Malta ma kienet koperta b'ċertifikat li jiswa ta' reġistrazzjoni, u d-dazju li d-Direttur jgħid illi ma tħallasx fuq il-*gasoil* kien fil-fatt imħallas;

Illi, min-naħa l-oħra, d-Direttur laqa' għall-azzjoni tal-atturi billi fl-ewwel lok qajjem punti proċedurali. Huwa kkontesta wkoll il-pretensjonijiet tal-atturi fil-mertu;

Illi l-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u> tal-kawża juru li sa minn April tal-2005, SŻS kellha fuq isimha ċertifikati maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana għall-finijiet tal-artikolu 9(3)(ċ) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex setgħet iżżomm prodotti tas-sisa taħt sospensjoni ta' dazju f'maħżen tas-sisa (*tax warehouse*). Dawn kienu jkopru kemm vetturi, kif ukoll bastimenti u kif ukoll bini li fih

[6] Paġġ. 433 – 449 tal-proċess
[7] Paġġ. 452 – 474 tal-proċess
[8] Paġ. 476 tal-proċess

setgħu jinżammu jew jinħażnu prodotti dazjabbli taħt sospensjoni[9]. Iċ-ċertifikati nħarġu f'April tas-sena 2005 u kienu jgħoddu għal ħames snin[10];

Illi fis-sena 2010, iċ-ċertifikati ta' registrazzjoni ta' SŻS kif ukoll kull ċertifikat ta' negozjant f'Malta li kien imexxi negozju f'dan il-qasam, ma ġewx imġedda billi d-Direttur kien għaddej bi proċess ta' stħarriġ marbut mar-reviżjoni tal-garanziji bankarji. In-negozjanti iżda tħallew jaħdmu[11], u reġistrazzjonijiet ġodda fuq vetturi u bastimenti xorta baqgħu jsiru[12];

Illi l-vettura (*tank bowser*) ta' SŻS bin-numru ta' reġistrazzjoni KAB-487 ma kinetx awtorizzata biex iġġorr prodott tas-sisa taħt sospensjoni ta' dazju, la mad-Dipartiment tad-Dwana[13], u lanqas mal-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi[14]. Lanqas ma saret talba f'dan ir-rigward minn SŻS wara s-sena 2010[15];

Illi lejn l-aħħar tal-2010, id-Dipartiment tad-Dwana daħallu rapport li SŻS kienet ħattet *gasoil* minn fuq il-barkun *San Bert II* għal fuq il-*bowser* tagħha msemmi[16]. L-atturi jgħidu li dik il-konsenja ta' karburant kienet impurtata f'Malta f'Ottubru ta' dik is-sena[17]. Fl-4 ta' Novembru, 2010, uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana marru fil-fond bin-numru 16, Shore Street, Imġarr, Għawdex, u fil-preżenza tal-attur Michael Żammit u ta' Saviour Żammit, ħadu kampjuni tal-karburant minn ġol-*bowser*[18]. Ħadu kampjuni wkoll minn fuq il-barkun *San Bert II.* Billi mit-testijiet preliminari l-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana waslu għall-fehma li l-*gasoil* kien irregolari, għarrfu b'dan lill-persuni preżenti, u l-*bowser* inqabad u ttieħed Malta sabiex fuqu jsiru aktar aċċertamenti xjentifiċi[19]. Fl-istess jum, l-uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana ħarġu tliet riċevuti tal-oġġetti maqbuda[20];

Illi minn stqarrija meħuda mingħand l-attur Michael Żammit min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija, jirriżulta li l-attur kien jaf li kellu bżonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur sabiex sata' jħott il-*gasoil* minn fuq il-barkun *San Bert II* għal fuq il-*bowser*, u li ma kellux permess biex jagħmel dan[21]. Jirriżulta wkoll li wħud mill-fatturi tal-*gasoil* li l-attur Michael Żammit għadda lid-Direttur kienu foloz, maħruġa fuq isem terzi, u ġew fabbrikati minnu stess[22];

---

[9] Ara Dok. "MZ1" sa Dok. "MZ6" f'paġ. 26 sa 31 tal-proċess.
[10] Ara x-xhieda ta' Albert Scerri f'paġ. 58 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda ta' Albert Scerri f'paġġ. 59 – 60 tal-proċess u ta' Tonio Scalpello f'paġġ. 69 – 70 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Tonio Scalpello f'paġġ. 70 – 1 tal-proċess
[13] Ara affidavit ta' Albert Scerri mmarkat bħala dok. "AS" f'paġ. 276 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit mmarkat bħala dok. "SM" ta' Stephen J. Mifsud f'paġ. 101 tal-proċess u paġ. 111 – 2 ta' Dok. "SM2"
[15] Ara x-xhieda ta' Chris Ċini f'paġ. 84 tal-proċess
[16] Ara affidavit ta' Albert Scerri f'paġ. 276 tal-proċess
[17] Affidavit tal-attur Michael Żammit f'paġ. 88 tal-proċess
[18] Ara Dok. "BM" f'paġ. 152 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' Anthony Fenech f'paġġ. 228 – 231 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AF" sa Dok. "AF2" f'paġ.ġ. 216 – 8 tal-proċess
[20] Ara Dok. "AF" sa Dok. "AF2" f'paġ.ġ. 216 – 8 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tal-Ispettur Joseph Abdilla f'paġ. 204 tal-proċess
[22] *Ibid* paġ. 202 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Mark Bajada f'paġ. 208 tal-proċess u l-affidavit ta' Albert Scerri f'paġ. 279 tal-proċess

Illi t-testijiet xjentifiċi magħmulin minn uffiċjali tad-Dipartiment tad-Dwana nhar l-4 ta' Novembru, 2010, li saru fuq il-kampjuni ta' karburant elevati mill-ħames (5) kompartimenti tal-*bowser* urew li l-*gasoil* kien jibbenifika minn rata ta' sisa preferenzjali jew minn tnaqqis qawwi fuq ir-rata normali ta' dazju, ħlief fil-każ ta' kampjun wieħed[23]. Urew ukoll li l-*gasoil* li nstab fil-*bowser* u dak misjub fil-barkun *San Bert II* kien *marine diesel* tal-istess għamla u li tiegħu l-attur Michael Żammit kien assuma r-responsabbilta'[24];

Illi fil-31 ta' Jannar, 2012, id-Direttur ħareġ it-tliet Noti ta' Qbid mertu ta' din il-kawża. In-Nota ta' Qbid bin-numru 10/2012[25] inħarġet fir-rigward ta' ħdax-il elf (11,000) litru ta' *gasoil* li jidher li nqabdu fl-4 ta' Novembru, 2010[26], fil-port tal-Imġarr f'Għawdex. Dik bin-numru 11/2012 tirreferi għall-qbid tal-vettura ta' SŻS bin-numru tar-registrazzjoni KAB 487[27] li sar ukoll fl-istess data. Filwaqt illi bin-Nota ta' Qbid 14/2012, li ġġib id-data tal-31 ta' Jannar, 2012 inqabad il-bastiment M/T *San Bert II*[28]. It-tliet Noti jġibu d-data tal-31 ta' Jannar, 2012. Fit-tliet Noti, id-Direttur isemmi l-artikoli tal-liġi li, fil-fehma tiegħu, ġew miksura minn SŻS. L-ewwel żewġ Noti ta' Qbid inħarġu fuq isem SŻS jew id-diretturi tagħha, filwaqt illi t-tielet Nota ġiet indirizzata lill-attur Michael Żammit billi l-barkun hu reġistrat fuq ismu[29];

Illi SŻS ġiet awtorizzata biex taħdem bil-bastiment *M/T San Bert II* anke jekk kien għadu maqbud, u l-vettura ġiet rilaxxata mid-Direttur fis-sena 2012, filwaqt illi l-*gasoil* baqa' maqbud u SŻS ma ressqet ebda talba biex jiġi rilaxxat[30]. Il-bastiment u l-vettura nħelsu mill-qbid wara li SŻS tat garanziji bankarji għall-finijiet tal-artikolu 72(4) tal-Ordinanza;

Illi għar-rigward tal-*gasoil,* SŻS tisħaq li d-dazju kollu tħallas fuqu[31], u mill-irċevuti li ressqet jirriżulta li d-dazju tħallas fis-17 ta' Diċembru, 2010[32];

Illi fl-24 ta' Frar, 2012, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jsawru l-każ jirreferu għal tliet Noti ta' Qbid maħruġa mid-Direttur u għar-rilaxx tal-oġġetti maqbuda jew tal-garanziji bankarji maħruġa minflokhom kemm-il darba l-istess Noti jinstabu li nħarġu bi ksur tal-liġi. F'dan il-każ, il-qbid tal-oġġetti sar fil-preżenza ta' rappreżentanti ta' SŻS imma n-Noti nħarġu 'l fuq minn sena wara. L-ilmenti ewlenija tal-

[23] Ara x-xhieda ta' Bernardette Mallia f'paġġ. 407 – 8 tal-proċess. Ara wkoll ir-rapport maħruġ minnha stess f'paġġ. 153 – 182 tal-proċess
[24] Xhieda Spettur Ian Abdilla f'paġ. 200 tal-proċess
[25] Dok "SZS3", f'paġ. 9 tal-proċess
[26] Ara Dok. "DG" f'paġ. 19 tal-proċess
[27] Ara Dok. "DG1" f'paġ. 20 tal-proċess
[28] Ara Dok. "DG2" f'paġ. 21 tal-proċess
[29] Ara affidavit ta' Michel Żammit immarkat bħala Dok. "MZ" f'paġ. 87 tal-proċess
[30] *Ibid* f'paġġ. 87 tal-proċess
[31] *Ibid* paġ. 88 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Chris Ċini f'paġġ. 262 – 3 tal-proċess
[32] Ara Dok. "MZ3" f'paġ. 92 tal-proċess

atturi dwar l-imsemmija Noti hu li (a) ma ngħatat l-ebda raġuni tajba biex tfisser għaliex kien qiegħed isir il-qbid; (b) ma ntweriex li t-tfittxija li wasslet għall-qbid kienet ġiet awtorizzata minn mandat taħt il-firma tal-Avukat Ġenerali jew ta' xi Maġistrat u (ċ) wkoll għaliex, ukoll kieku ingħatat raġuni, dan ma kienx mis-sewwa minħabba li d-dazju mitlub kien imħallas sal-aħħar;

Illi, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti sejra tistħarreġ it-tliet **eċċezzjonijiet preliminari** li ressaq l-imħarrek fir-Risposta Maħlufa tiegħu. Dan irid isir għaliex, formalment, l-istess Direttur baqa' ma rtirahomx. Ħadd mill-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet dwarhom;

Illi l-ewwel eċċezzjoni preliminari torbot mal-obbligu impost fuq kull min jiftaħ kawża kontra l-Gvern, li jinnotifika r-rikors jew l-att ġudizzjarju ieħor lil kull Kap ta' Dipartiment tal-Gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali, skond ma jitlob l-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti tqis din l-ewwel eċċezzjoni preliminari bħala eżawrita billi fl-ewwel smigħ[33], l-avukat difensur tad-Direttur imħarrek, f'isem l-Avukat Ġenerali, laqgħet in-notifika tal-atti tar-Rikors;

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mid-Direttur hija fis-sens li l-kawża ma messhiex saret b'Rikors Maħluf iżda kellha ssir b'Rikors. L-imħarrek qiegħed jibni din l-eċċezzjoni tiegħu fuq l-artikolu 73(1) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar din l-eċċezzjoni, l-avukat difensur tad-Direttur iddikjarat li l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tressqet iżjed bħala punt ta' korrettezza milli bħala eċċezzjoni ta' nullita`[34];

Illi jibda biex jingħad li huwa minnu illi meta xi persuna tkun tixtieq tħarrek f'xi qorti bħala konsegwenza ta', jew inċidentalment għal, qbid ta' xi oġġetti taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza tad-Dwana, il-liġi tgħid li l-proċedimenti għandhom jinbdew b'Rikors[35]. Il-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija intiża biex tgħin lill-persuna li jkunu nqabdu ħwejjiġha taħt id-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza billi tipprovdi għal smigħ sommarju. Il-liġi tgħid ukoll illi d-dispożizzjonjiet tal-Kap 12 dwar il-proċedimenti quddiem din il-Qorti għandhom japplikaw dwar kull Rikors bħal dak taħt l-artikolu 73 tal-Kap. 37[36];

Illi l-Qrati tagħna laqgħu eċċezzjonijiet simili mibnija fuq id-dispożizzjoni tal-artikolu 73 tal-Ordinanza tad-Dwana[37]. Ta' min jgħid li fejn l-Ordinanza titlob

---

[33] Ara l-verbal tal-ewwel smiegħ tal-10 ta' Mejju, 2012 f'paġ. 22 tal-proċess
[34] *Ibid*
[35] Art. 73(1) tal-Kap. 37
[36] Art. 73(9) tal-Kap. 37
[37] Ara App. Ċiv. **12.6.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauċi et nomine vs Konrollur tad-Dwana*** (mhux pubblikata). Ara wkoll PA GCD **14.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Ellul Sullivan noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (mhux appellata)

ħtiġijiet speċifiċi li jmissu jkollu r-rikors, dan tagħmlu u tgħid x'irid ikun fih taħt piena ta' nullita'[38]. Għalhekk huwa biss f'dawk il-każijiet – u mhux għax ir-rikors imressaq ikun inħalef – li l-liġi tagħti s-sanzjoni tan-nullita' jew nuqqas ta' siwi;

Illi l-Qorti jidhrilha li l-atteġġament li ħadet l-avukat difensur tad-Direttur meta ma nsistietx fuq dikjarazzjoni ta' nullita' tal-proċedimenti li l-Qorti għandha quddiemha, huwa għarfien ta' dak li trid il-liġi proċedurali li tgħid[39] li ma hemmx nullita' jekk kawża li jmissha tinġieb b'Rikors minflok tinġieb b'Rikors Maħluf. Din ir-regola ġiet estiża għal meta liġi oħra, li ma tkunx il-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, tgħid li l-proċedimenti għandhom jinbdew b'Rikors[40];

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tasal għall-fehma illi din it-tieni eċċezzjoni hija tajba safejn tippuntwalizża l-għamla li jrid ikollu l-att promotur, imma ma twassalx biex jitqies li hemm nuqqas ta' siwi tal-istess att. Għalhekk, fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' nullita`, il-Qorti għandha tkompli tqis it-talbiet attriċi kif ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra mressqa mid-Direttur;

Illi <u>t-tielet eċċezzjoni preliminari</u> mressqa mid-Direttur hija indirizzata lejn l-attur Anthony Żammit u t-talbiet tiegħu fil-konfront tan-Noti ta' Qbid li jġibu n-numru 10/2012 u 11/2012. Fi kliem id-Direttur, dawn iż-żewġ Noti ma nħarġux fuq ismu proprju, u għaldaqstant ma għandu ebda jedd jikkontestahom;

Illi mill-provi dokumentali li tressqu quddiem il-Qorti[41], jirriżulta illi n-Nota ta' Qbid bin-numru 14/2012 inħarġet f'isem Michael Żammit bħala l-persuna li fuq ismu hu reġistrat il-barkun *M/T San Bert II*. Jirriżulta wkoll illi ż-żewġ Noti ta' Qbid l-oħra nħarġu fuq isem Michael Żammit u Anthony Żammit fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi ta' SŻS;

Illi l-Qrati tagħna jgħallmu illi fost id-drittijiet illi għandha kumpannija hija dik li tkun rappreżentata minn persuna fiżika billi dan huwa meħtieġ sabiex tiġi integrata l-personalita` tal-istess kumpannija li m'għandhiex sura fiżika[42];

Illi fuq dan il-punt, l-awturi[43] jgħallmu li "*Two other fundamental attributes of juridical personalitiy are (i) that the juridical person may enter into contractual relations with third parties in its own name, and (ii) that the juridical person may sue and be sued in its own name. Naturally, a juridical person does not*

---

[38] Art. 73(2) tal-Kap 37
[39] Art. 164(2) tal-Kap 12
[40] It-tieni *proviso* għall-Art. 164(2) tal-Kap. 12
[41] Ara Dokti. "DG" sa Dok. "DG2" f'paġġ. 19 – 21 tal-proċess, u l-affidavit ta' Michel Żammit immarkat bħala Dok. "MZ" f'paġ. 87 tal-proċess
[42] App Ċiv **4.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja vs Aġius et.*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.418**)
[43] A. Mucat, <u>*Principles of Maltese Company Law*</u> (2007), paġ. 219

*have a physical presence. To enable it to enter into such relations and to sue and be sued, a juridical person requires the intervention of a physical person. The law recognises the need for the involvement of a physical person who would represent the juridical person and act in its name and on its behalf*";

Illi applikati dawn il-prinċipji għal fatti li l-Qorti għandha quddiemha jirriżulta illi, filwaqt illi Michael Żammit jista' jikkontesta f'ismu n-Nota ta' Qbid numru 14/2012, Anthony Żammit f'ismu ma jistax jikkontesta ebda waħda mit-tliet Noti, magħduda n-Noti numru 10/2012 u 11/2012. Il-kwalita` tiegħu hija biss bħala direttur ta' SŻS. Minħabba f'hekk, tonqos fl-attur Anthony Żammit il-leġittimazzjoni attiva biex imexxi 'l quddiem din il-kawża[44] u għalhekk dan iwassal biex l-imħarrek jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tal-imsemmi attur;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li t-tielet eċċezzjoni tad-Direttur hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tqis **il-mertu tat-talbiet attriċi**. Dawn it-talbiet jimmiraw għat-tħassir tat-tliet Noti ta' Qbid maħruġa fuq ordni tad-Direttur u dan billi l-Qorti ssib li n-noti ma jiswewx għax inħarġu ħażin, u biex tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda jew il-ħelsien tal-garanziji maħruġa minflokhom. L-atturi qed jitolbu wkoll il-ħlas ta' danni b'riżultat tal-ħruġ ta' dawn in-Noti;

Illi fi kliem l-atturi, it-tliet Noti ta' Qbid huma nulli għal ħames raġunijiet ewlenin: l-ewwel, meta sar l-qbid, id-Direttur kien għadu qed jinvestiga, u għaldaqstant il-vettura u l-*gasoil*, qatt ma setgħu jinqabdu fil-11 ta' Novembru, 2010. It-tieni, il-mandati ma nħarġux taħt il-firma ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' Maġistrat li jagħti s-setgħa lill-Uffiċjali tad-Dwana jidħlu, jfittxu u jaqbdu oġġetti minn fond ta' l-atturi. It-tielet, in-Nota hija nieqsa minn tagħrif ta' x'wassal biex sar il-qbid. Ir-raba', fiż-żmien meta nqabdu l-oġġetti, ebda vettura f'Malta ma kienet koperta b'ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jiswa. Il-ħames raġuni hija li d-dazju li d-Direttur jgħid illi ma tħallasx fuq il-*gasoil* kien, fil-fatt, imħallas;

Illi f'kawża ta' din ix-xorta, jaqa' fuq il-persuna li titlob ir-rilaxx tal-oġġetti maqbuda li tressaq il-provi tagħha fi grad tajjeb biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-qbid huwa miżmum kontra l-liġi. Ladarba il-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili, u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[45], huwa

[44] Artt. 780 u 787(1) tal-Kap 12
[45] Art. 73(9) tal-Kap. 37

mistenni għalhekk li l-grad tal-prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċedimenti penali;

Illi, minbarra dan, l-azzjoni attriċi hija waħda mibnija fuq liġi fiskali[46]. Dan ifisser ukoll li t-tifsira li trid tingħata lid-dispożizzjonijiet ta' liġi bħal dik trid tkun waħda li toqgħod għall-kelma tal-liġi bla tiġbid żejjed[47]. Hemm il-fehma wkoll li liġijiet tributarji huma ta' fejda jew utilita` pubblika u għalhekk iridu jingħataw applikazzjoni fejn ma hemmx dubju dwar iċ-ċirkostanzi tat-tħaddim tagħhom[48], sakemm dak it-tħaddim ma jkunx f'konflitt mal-ordinament taħt il-liġi ġenerali[49]. Ladarba fil-każ tal-lum qiegħed jintalab ħlas ta' tariffa jew imposta, irid jintwera li dak il-ħlas huwa stabilit b'liġi u li l-liġi tfisser sewwa u b'mod ċar meta u kif dak il-ħlas ikun dovut;

Illi għal dak li jirrigwarda r-raġunijiet imressqa mill-atturi, il-liġi trid li l-ftuħ u tħaddim ta' mħażen tas-sisa jkunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju. Il-ħruġ ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni, wara talba li ssir lill-Kummissarju, għandu jkun validu għal dak iż-żmien[50];

Illi, minbarra dan, il-liġi titlob li oġġetti li jkunu maħsuba li jkunu kuntrabandu għandhom jiġu konfiskati flimkien mal-oġġetti l-oħra li jkunu nstabu ppakjati magħhom jew li jkunu ġew użati biex jinġarru jew jinħażnu fihom jew jaħbuhom[51]. Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien ma' ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska, għandhom jiġu kkonfiskati[52], u jistgħu jiġu maqbuda f'kull lok, sew fuq l-art kemm fuq il-baħar, minn kull uffiċjal tad-Dwana jew tal-Pulizija, u jitqiegħdu minnufih taħt idejn il-Kummissarju[53];

Illi l-liġi tagħti s-setgħa wkoll lill-uffiċjali tad-Dipartiment biex jistgħu jagħmlu tfittxijiet fi djar b'mandat maħruġ mill-Avukat Ġenerali jew minn Maġistrat meta jkun hemm suspett raġonevoli. Iżda, uffiċjal jista' jmexxi bit-tfittxija anke mingħajr mandat kemm-il darba jkollu raġuni tajba biex jissuspetta li hemm periklu imminenti li l-oġġetti soġġetti għat-tfittxija jistgħu jiġu mneħħija jew meqruda, f'liema każ l-uffiċjal għandu jġib l-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju[54]. L-uffiċjal li jagħmel il-qbid ta' oġġetti suġġetti għall-konfiska

[46] L-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37)
[47] App. Ċiv. **11.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.15**);
[48] P.A. **15.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Anastasi noe vs Camilleri noe*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.952**)
[49] App. Inf. PS **24.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Waldorf Car Hire Ltd vs Habitat Ltd***
[50] Art. 9 tal-Kap. 382
[51] Art. 60 tal-Kap. 37
[52] Art. 68 tal-Kap. 37
[53] Art. 69 tal-Kap. 37
[54] *Proviso* tal-Art. 71 tal-Kap. 37

għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, barra minn meta l-qbid jsir quddiem il-ħati jew is-sid[55];

Illi meta wieħed iqis il-konsiderazzjonijiet li għadhom kif issemmew u jqabbilhom mal-fatti li jsawru l-każ preżenti, il-Qorti ssib li d-Direttur jew l-uffiċjali li aġixxew f'ismu m'għamlu xejn lil hinn minn dak li trid il-liġi. Inġiebet il-prova li SŻS kienet ħattet *gasoil* minn fuq il-bastiment tagħha *M/T San Bert II* għal fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAB 487 li qatt ma kienet reġistrata biex iżżomm jew iġġorr prodotti tas-sisa taħt sospensjoni ta' dazju. Dan fih innifsu kien jawtorizza lil kull uffiċjal tad-Dwana, kif hekk awtorizzat mid-Direttur, biex minbarra li seta' jidħol u jfittex fil-fond ta' SŻS u jikkonfiska kemm il-vettura kif ukoll il-*gasoil* li kien hemm fih. Intwera li l-attur Michael Żammit kien jaf bil-ħtieġa ta' tali reġistrazzjoni u minkejja dan, għoġbu li jaħdem bi ksur tal-liġi. Jirriżulta wkoll li kienu saru numru ta' trasferimenti minn fuq il-bastiment *M/T San Bert II* għal fuq il-vettura KAB 487, u dan l-għemil kien jagħti s-setgħa lid-Direttur li jissekwestra l-bastiment. Minbarra dan, mill-provi mressqa ħareġ ukoll li, dak il-ħin tal-qbid, id-dazju fuq il-*gasoil* maqbud ma kienx tħallas, u tħallas biss ġimgħat wara;

Illi l-atturi jilmintaw ukoll mill-fatt li jgħidu li, meta nqabdu ħwejjiġhom, ma ngħataw l-ebda raġuni għaliex kien qiegħed isir hekk. Jilmintaw ukoll li lanqas meta, xi żmien wara, nħarġu n-Nota ta' Qbid mertu tal-kawża, ma ngħatat ir-raġuni għaliex kien sar il-qbid. Id-Direttur imieri dan l-ilment;

Illi huwa minnu li, fil-qasam tad-dritt amministrattiv, deċiżjonijiet meħuda minn awtorita` pubblika li jolqtu l-ġid jew l-interessi taċ-ċittadin iridu jittieħdu għal raġuni u mhux b'mod kapriċċjuż. Minbarra dan, il-persuna milquta trid tkun mgħarrfa wkoll x'kienet jew kienu r-raġunijiet għaliex l-awtorita' pubblika tkun ħadet dik id-deċiżjoni. Biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorita` tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha[56], iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunita` illi ssemma' leħenha[57], u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorita` toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorita` għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha[58];

Illi formalment ir-raġunijiet imsemmijin mid-Direttur biex ifissru għaliex sar il-qbid tal-karburant, tal-barkun u tal-*bowser* jinsabu msemmija fuq it-tliet Noti rispettivi f'dik it-Taqsima li tgħid "*Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid*". It-tagħrif mogħti jikkonsisti f'tismija ta' dispożizzjonijiet tal-liġi mill-Kap 37 u mill-Kap

[55] Art. 72 tal-Kap. 37
[56] T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[57] P.A. **29.11.2011** JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel D'Amato et vs L-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta***
[58] App. Ċiv. **28.6.2013**fil-kawża fl-ismijiet ***Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et***

382. Il-fatt li l-formola tan-Nota tuża l-kelma "*għaliex*" ifisser biss li dik tkun ir-raġuni li għaliha jkun sar il-qbid. L-atturi jisħqu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jissemmew fin-Noti ma humiex raġunijiet, imma biss "il-bażi legali fuq liema l-Kontrollur tad-Dwana setgħa jordna tali qbid"[59]. Meta l-Qorti fliet l-artikoli tal-liġi msemmijin fit-tliet Noti ta' Qbid sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-atturi, id-dispożizzjonijiet huma provvedimenti sostantivi (li jsemmu imġiba, azzjonijiet jew omissjonijiet li l-liġi tissanzjona) u mhux proċedurali. Minn qari tagħhom, wieħed jifhem x'ikun wassal għall-qbid u liema ksur tal-liġi jkun qiegħed jipprospetta. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi li ma ngħatawx ir-raġunijiet għaliex sar il-qbid. Jidher ukoll li, għalkemm in-Noti nħarġu xhur wara li sar il-qbid, kienet ingħatat ukoll ir-raġuni lill-attur Michael Żammit dakinhar (f'Novembru tal-2010) li ntalab itella' l-*bowser* lejn Ħal Far (ħaġa li jidher li huwa għamel bla ma qagħad iħaqqaqha) u dakinhar li l-karburant li kien hemm fih ittieħdu kampjuni minnu u nqabad ukoll. L-atturi għandhom snin ta' esperjenza fil-qasam u ma jistax ikun li azzjoni bħal dik meħuda mid-Direttur ma kinux tabilħaqq jafu fiex kienet tikkonsisti u minħabba xiex ittieħdet;

Illi, kif tgħid il-liġi u kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna[60], fiċ-ċirkostanzi li nqala' l-każ il-liġi tagħti li jinqabdu oġġetti fil-preżenza tal-ħati jew tas-sid u f'dak il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata dan l-avviż, u li r-raġuni tal-qbid tista' tingħata wkoll bil-fomm;

Illi għalhekk, safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq in-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet jew fuq nuqqas ta' ħarsien tal-formalitajiet maħsuba fil-liġi dwar il-ħruġ tan-Noti ta' Qbid, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi mhijiex mistħoqqa u ma ntweriex li d-Direttur jew l-uffiċjali tiegħu mxew mal-atturi bi ksur tal-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda l-argument li l-*gasoil* ma messux inqabad minħabba li kien tħallas id-dazju, hawnhekk ukoll jaqa' fuq l-atturi li jippruvaw dak li jallegaw. Kif mitlub mil-liġi, l-aħjar prova ta' ħlas hija l-wiri ta' riċevuti. SŻS ressqet kopja ta' riċevuta[61] biex turi li hija kienet ħallset id-dazju kollu fuq il-kunsinna ta' karburant li nqabdet. Iżda għalkemm riċevuta hija tassew l-aħjar prova ta' ħlas imwettaq, jidher mill-istess riċevuta li dak il-ħlas iġib data li tiġi ġimgħat wara l-jum meta seħħ il-qbid. Mela, dan ifisser biss li, dakinhar tal-qbid, il-kunsinna ma kinitx għadha mħallsa. Ġeneralment, l-irċevuta tikkostitwixxi prova ta' dak li tgħid u turi. L-attur Michael Żammit iressaq l-argument li bih jgħid li s-sistema kien li r-riċevuta tinħareġ ċertu żmien wara li

[59] Affidavit tal-attur Michael Żammit f'paġ. 87 tal-proċess
[60] App. Ċiv. **6.10.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Bharwani vs. Kontrollur tad-Dwana*** (mhix pubblikata) Ara wkoll App Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijet ***Diane Holdings Limited et vs Il-Kontrollur tad-Dwana***
[61] Ara Dokti "MZ2" u "MZ3", f'paġġ. 91 – 2 tal-proċess

jkun effettivament sar il-ħlas. Dan l-argument ma jidhirx li huwa ippruvat. Fid-dawl tal-kontestazzjoni dwar nuqqas ta' ħlas, SŻS kien messha tressaq kopja tal-"*bankers' draft*" li jissemma fl-istess riċevuta biex tixhed meta tassew offriet u ta' meta tassew sar il-ħlas u kemm damet (jekk tassew damet) ma nħarġet l-irċevuta wara li sar il-ħlas. SŻS dan ma għamlitux u għalhekk wieħed jistenna li d-data tal-irċevuta hija d-data tal-ħlas effettivament imwettaq. Minbarra dan, fejn jidħlu aspetti taż-żamma min-naħa ta' SŻS tad-dokumentazzjoni dwar transazzjonijiet marbuta ma' bejgħ ta' karburanti, mill-provi fl-atti tal-kawża joħorġu xi aspetti li jtappnu l-kredibilita' ta' SŻS, ewlenin fosthom il-fatt li SŻS saħansitra ittantat tiffalsifika dokumenti biex tgħatti xturha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tal-*bowser* li ma kienx reġistrat mal-awtoritajiet bħala maħżen tas-sisa. Ħareġ mill-provi li l-vettura ma kienet qatt reġistrata biex iġġorr karburant eżenti mill-ħlas tas-Sisa skond il-liġi[62]. Min-naħa tagħhom, l-atturi jippruvaw ixejnu dan kollu billi jgħidu li ċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni marbuta ma' użu ta' *tax warehouse* kienu skaduti għaliex ma kinux ġew imġedda mid-Direttur mal-għeluq tal-ħames (5) snin mill-ħruġ tagħhom. Dan l-istat ta' fatt mhuwiex biżżejjed biex isejjes l-argument tal-atturi, meta wieħed iqis li l-vettura KAB 487 qatt ma kellha ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala *tax warehouse* maħruġ fuqha, la mid-Direttur u lanqas minn xi awtorita' kompetenti oħra;

Illi meta l-Qorti tiżen dawn iċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw, hija tasal għall-fehma li l-atturi ma seħħilhomx juri fi grad xieraq ta' prova għal proċeduri bħal din, li n-Noti ta' Qbid għandhom jiġu dikjarati ma jiswewx jew li jwassluha biex tordna t-tħassir tagħhom;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi għaliex mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma ma hemm l-ebda ħtieġa li tqis it-**talbiet attriċi l-oħrajn** billi dawn ilkoll jiddependu minn jekk tintlaqax l-ewwel talba. Jingħad li, wkoll kieku l-Qorti kellha tilqa' l-ewwel żewġ talbiet, xorta waħda ma ngħatat l-ebda prova mill-atturi dwar it-talbiet l-oħrajn marbuta mad-danni billi ma ressqu l-ebda provi u lanqas sottomissjonijiet f'dan ir-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** billi ġiet eżawrita fil-mori tal-kawża;

[62] Artt. 9(2)(3) tal-Kap 382

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tad-Direttur imħarrek;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt fl-ebda kawżali tagħha;

**Tiċħad it-talbiet attriċi l-oħrajn** billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-atturi.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**14 ta' Marzu, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**14 ta' Marzu, 2018**